# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 29 ta' Jannar 2016**

**Numru**

**Citazzjoni Numru: 192/14 AF**

**Sharon Zahra mart Stefan Zahra minnu legalment separata**

**v.**

**Stefan Zahra**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari;</u>**

Rat is-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) moghtija fit-18 ta' Marzu 2015 li ghall-ahjar intendiment se tigi riprodotta interament;

"Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet:

"1. Illi l-esponenta u l-intimat Stefan Zahra kienu kkontrattaw iz-zwieg bejniethom nhar is-sittax (16) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sitta (2006) (Dok A);

"2. Illi l-intimat ddecieda wara z-zwieg li jeskludi ghal kollox u bl-aktar mod assolut u determinat li jkollhom ulied minn dan iz-zwieg;

"3. Illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien jinsab ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ai termini tal-artikolu 19 (1) (d) Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

"4. Illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien ivizzjat fis-sens li nkiseb bl-eskluzjoni posittiva ta l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga ai termini tal-artikolu 19 (1) (f) Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

"5. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet ghandu jigi meqjus bhala null u bla effett fil-ligi;

"6. Illi l-esponenta tiddikjara li l-fatti hawn fuq esposti u debitament enumerati taf bihom personalment;

"Talbet li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

"(1) Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti nhar is-sittax (16) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sitta (2006) huwa null u bla effett ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini tal-artikoli 19 (1) (d) u / jew (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta u;

"(2) Tordna konsegwentement li tigi registrata l-annotazjoni relattiva u opportuna fl-Att taz-Zwieg tal-kontendenti hawn anness markat Dok A;

"Bl-ispejjez kontra l-intimat minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

"Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

"Semghet lix-xhieda illi tressqu;

"Rat id-dokumenti illi gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

"Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

"Ikkunsidrat :

"Illi il-Qorti għandha quddiemha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taż-żwieg bejn il-partijiet datat is-16 ta' Dicmebru 2006 abbazi tal-Artikolu 19(1)(d) u 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

"Il-Qorti tirrileva li din l-istess Qorti diga' tat sentenza (ara rikors guramentat numru 226/2013 AL) bejn l-istess partijiet, liema sentenza inghatat nhar it-3 ta' April 2014 fejn it-talbiet tal-istess rikorrenti gew michuda bl-ispejjez kontriha. Jigi rilevat li l-kawza hawn imsemmija wkoll kienet ibbazata fuq l-Artikolu 19(1)(d) u 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

"F'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghal gurisprudenza applikabbli ghall-principju ta' *res judicata* fosthom il-kawza fl-ismijiet **Charles Cortis vs Francis X. Aquilina** deciza nhar il-25 a' Settembru 2003 fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Civili sostniet li:

> "***Hemm qbil generali kemm fid-dottrina u kif wkoll fis-sentenzi tal-Qrati dwar x'inhuwa mehtieg biex l-eccezzjoni tal-gudikat tista' tintlaqa'. Tlieta huma l-elementi li jmisshom jigu murija minn min iqanqal l-eccezzjoni biex din issehh. Dawn l-elementi huma l-istess oggett (eadem res), l-istess partijiet (eadem personae) u l-istess mertu (eadem causa petendi). Huwa siewi li wiehed izomm quddiem ghajnejh ukoll il-massima li biex dik l-eccezzjoni tirnexxi jehtieg li t-tliet elementi jkunu jikkonkorru ghax, fin-nuqqas, ma jistax jinghad li l-haga hija l-istess (nisi Omnia concurrunt, alia res est)…***"

"Illi ghalhekk biex l-eccezzjoni ta' *res judicata* tkun tista' tintlaqa' jinkorri li jigi ippruvat li t-tliet elementi msemmija fil-kawza hawn fuq citati huma prezenti fil-kawza odjerna. Jigi rilevat li dwar il-partijiet m'hemm ebda dubju *stante* li dawn huma l-istess partijiet, izzewgu fl-istess data u kellhom tarbija fl-istess data. Zgur li m'hemm ebda dubju li l-partijiet huma l-istess ghaliex id-dettalji taghhom huma identici. M'hemm ebda dubju li l-mertu taz-zewg kawzi huwa l-istess *stante* li z-zewg kawzi huma relatati ma' talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg tal-partijiet, kif m'hemm ebda dubju li l-kawzali tal-istess kawzi huma wkoll identici *stante* li t-tnejn li huma huma bbazati fuq l-Artikoli 19(1)(d) u 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

"Il-Qorti tirrileva wkoll li l-eccezzjoni ta' *res judicata* hija sollevabbli *ex officio* u dan anke *ai termini* tas-sentenza fl-ismijiet **Anthony Aquilina vs Ir-Repubblika ta' Malta u b'digriet tal-Qorti tat-30 ta' April, 2010, il-Qorti ordnat il-korrezzjoni fl-okkju tal-kawza, l-intimat flok jaqra "Ir-Repubblika ta' Malta" irid jaqra "L-Avukat Generali, u b'digriet tal-Qorti tat-30 t'April, 2010, il-Qorti ordnat il-Kjamat fil-Kawza ta' Joseph u Josephine konjugi Camilleri li**

**joqoghdu fil-fond, 100, Triq l-Arcisqof Pietru Pace, Victoria, Ghawdex** deciza nhar il-15 ta' Ottubru 2010 fejn gie ritenut li:

"….***Eccezzjoni ta' res judicata, eccezzjoni li, del resto skond il-gurisprudenza taghna tista' tigi sollevata ex officio mill-Qorti jekk u meta tingieb ghall-attenzjoni taghha sentenza ohra li tista' tkun ta' ostakolu ghas-smigh tal-kawza gdida (ara per ezempju, is-sentenza tal-4 ta' Novembru, 1955, moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza "Cassar vs Zammit"). Dan ghandu jsir peress li ghandu jigi evitat li kwistjoni diskussa u deciza minn Qorti terga' tinfetah biex terga' tigi diskussa u deciza, u dan in vista tal-principju ta' stare decisis li hu wiehed ta' ordni pubbliku***."

"Ghalhekk, abbazi ta' dak kollu citat u abbazi tal-fatt li kienet din l-istess Qorti kif preseduta li tat is-sentenza bir-referenza 226/2013 fl-istess ismijiet, filwaqt li tiddeplora l-agir tar-rikorrenti li kienet konxja mill-fatt li tali kawza kienet diga' giet deciza u regghet ittentat sabiex tiehu cans iehor fuq l-istess mertu fi ftit xhur mid-data tal-istess sentenza, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez."

Rat ir-rikors tal-appell tal-attrici li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza msemmija billi tilqa' l-aggravji taghha u allura tilqa' t-tabiet taghha kontenuti fir-rikors promotur;

Rat illi l-appellat ma pprezenta ebda risposta ghar-rikors tal-appell u lanqas deher ghas-seduti quddiemha;

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Dicembru 2015 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukat tal-appellanti tratta l-appell;

## L-AGGAVJI TAL-APPELLANTI

L-aggravji tal-appellanti huma kontenuti f'parti mir-rikors taghha u dawn qed jigu riprodotti 'verbatim';

“1. Illi ghalkemm huwa minnu kif indikat l-istess Qorti li kien hemm kawza ohra precedenti deciza bejn l-istess partijiet u fuq l-istess meritu pero` minhabba t-tip ta’ mtoivazzjonijiet li nghataw fl-ewwel sentenza tat-3 ta’ April 2014, dawn ma jwasslux ghal kaz ta’ res judicata fil-konfront tal-kawza odjerna;

“2. Illi minn ezami tal-ewwel sentenza cioe` dik tat-3 ta’ April 2014, ghandu jinnota li t-talbiet kienu gew michuda semplicement a bazi ta’ nuqqas ta’ provi sufficcjenti u xejn aktar. Difatti fil-konfront tal-Artikolu 19(1)(d) il-Qorti osservat li l-attrici “ma tat ebda enfasi jew deskrizzjoni ta’ dak iz-zmien propizju tal-kunsens”; filwaqt dwar l-Artikolu 19(1)(f) l-ewwel Qorti kkummentat li “Mix-xhieda tal-attrici jidher li m’hemmx provi bizzejjed biex jinghad li kien hemm xi simulazzjoni da parti ta’ xi wahda jew wiehed mill-partijiet. **Fin-nuqqas ta’ tali prova, allura, din il-Qorti ma tista’ taghmel xejn aktar hlief li tichad l-applikabblita` ta’ dan l-artikolu**”.

“3. Fil-fatt fil-bidu tal-konsiderazzjonijiet taghha l-ewwel Qorti kienet ikkummentat li “Il-Qorti tirrileva li l-unika prova li giet imressqa f’dawn il-proceduri kienet l-affidavit tal-attrici stess”;

“4. Illi tenut kont ta tali motivazzjonijiet, l-appellanta ma ghamlet xejn hazin u kellha kull dritt tintavola kawza ohra bl-istess talbiet bid-differenza pero` li din id-darba tiehu hsieb li tressaq provi sufficcjenti u adekwati sabiex tissostanzja l-istess talbiet taghha; kif fil-fatt hekk ghamlet f’dawn l-odjerni proceduri;

“5. Illi fil-kawza odjerna difatti, l-appellanti ressqet aktar provi minn dawk gia` prodotti fil-kawza precedenti. Apparti l-fatt li l-affidavit taghha gie elaborat aktar minn qabel, ressqet ukoll bhala xhieda lill-istess konvenut ghalkemm rega’ kien kontumaci, lil ommha u lil ohtha – li lkoll issostanzjaw b’xi mod jew iehor l-argumenti mressqa fil-premessi taghha.

“6. Illi dawn il-provi godda ghalhekk kellhom jigu mwiezna u trattati fuq il-meritu taghhom u mhux jigu injorati ghal kollox u dana peress illi hawn si tratta ta’ provi godda li ma kienux tressqu fil-kawza precedenti partikolarment meta tqis il-fatt li l-kawza precedenti kienet giet deciza fuq semplici nuqqas ta’ provi.”

Fi ftit kliem allura l-appellanti qed issostni li ghakemm huwa minnu li kien hemm gia` kawza deciza bejn il-partijiet, u li fiha l-attrici ghamlet l-istess talbiet, ladarba f'din il-kawza hija ressqet hafna aktar provi mill-ewwel

kawza, it-talba taghha ghall-annullament ghandha tigi milqugha. **Importanti wiehed izid li fiz-zewg kawzi l-appellanti talbet dikjarazzjoni ta' nullita` fuq l-istess kawzali u cioe` l-Artikolu 19 (d) u (f) tal-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta)**.

Kif issemma' fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti qajmet ***'ex ufficio'*** il-kwistjoni ta' res iudicata u cahdet it-talbiet attrici. L-iskop tal-principju tar-**res iudicata** hu evidenti u cioe` li l-legislatur hass li ma jistax ikun hemm stat ta' incertezza indefinita fejn jidhlu kwistjonijiet ta' drittijiet akkwiziti wara process gudizzjarju. Il-gurisprudenza taghna hija ghanja f'dan ir-rigward u per ezempju il-Qorti qed ticcita il-kawza **Salv. Meli and Sons v. Burdnara Group** (Prim' Awla, 27 ta' April 2009) u specjalment **Bugeja v. Azzopardi** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Gunju 2001 li ticcita diversi sentenzi ohra. Fost affarijet ohra per ezempju f'din l-ahhar sentenza, il-Qorti qalet;

> "*L-ebda disposizzjoni fil-ligi taghna ma taghti lok li titressaq citazzjoni sabiex sentenza li tkun ghaddiet in gudikat tigi dikjarata nulla u bla effett u l-Qorti tieqaf hemm. Ghalhekk din il-Qorti mhiex se tisma l-provi dwar x'kienet il-procedura segwita f' kawza li ghaddiet in gudikat u li fiha ma giex utilizzat ir-rimedju provdut mill-ligi sabiex tali sentenza tigi attakkata.*"

Fil-kawza **Gerada v. Caruana** msemmija mill-istess sentenza u li giet deciza fl-1973 intqal;

> "*L-effikacja guridika u socjali tal-gudikat tirrikjedi illi l-amministrazzjoni tal-gustizzja da parti tal-Qorti tal-pajjiz ma tigix imfixkla u intralcjata billi fi kwalunkwe zmien u bla ebda limiti l-parti li titlef kawza terga tqajjem kwistjonijiet rigward taghha u terga tiftaghha.*"

Fil-ftuh tat-trattat tieghu dwar dan l-istitut, **Laurent** jiccita awtur iehor **Pothier** li jghid *L'autorita` della cosa giudicata fa presumere vero e giusto tutto cio' che si contiene nella sentenza – res judicata pro veritate accipitur.*

Hu maghruf li r-rekwiziti biex l-eccezzjoni tirnexxi huma tlieta u cioe` l-identita` tal-persuni, tat-talba u tal-oggett – *eadem personae, eadem res, eadem causa petendi.* Ghalhekk kull ezami dwar din l-eccezzjoni ghandha bzonn ta' indagini ta' dawn it-tlett fatturi. Ma hemmx dubbju li f'din il-kawza, dawn l-elementi jissussistu t-tlieta; il-kawza hija bejn l-istess partijiet, qed issir l-istess talba u fuq l-istess kawzali. Fil-fehma tal-Qorti ma jistax ikun hemm kaz aktar lampanti ta' res iudicata. Ta' min izid ukoll li anke f'kazi inqas cari fejn l-effett ta' akkoljiment tat-talba fil-kawza tinnewtralizza ghal kollox l-effett ta' sentenza ohra li ghaddiet in gudikat bejn l-istess partijiet ukoll ikun hemm kaz fejn l-eccezzjoni tar-res iudicata tigi milqugha; per ezempju f'**Gerada v. Caruana** - Qorti tal-Appell 7 ta' Marzu 1958 din is-sentenza tghid "*xi drabi jigri illi d-decizjoni mhix interament fil-parti disposittiva taghha izda anke fil-parti razzjonali taghha meta fil-motivazzjoni tigi definita u rizoluta l-vera kwistjoni b'mod li dik il-parti tkun il-premessa logika u necessarja tad-dispozittiv u allura dik il-parti tifforma haga wahda mad-dispozittiv, li kollha flimkien jiffurmaw il-gudikat*".

L-ewwel Qorti kienet korretta wkoll li qajmet il-kwistjoni tar-res iudicata kif sewwa ssemma' fis-sentenzi citati minnha **Aquilina v. Avukat Generali** (2010) u **Cassar v. Zammit** (1955) it-tnejn decizi minn din il-Qorti anke ghaliex din hija materja ta' ordni pubbliku. Dan huwa ukoll spjegat fis-sentenza fl-ismijiet **Borg v. Willoughby** (28 ta' Marzu 2003, Prim' Awla);

Tajjeb li qabel kull konsiderazzjoni ohra tigi ribadita l-enuncjazzjoni kaptata mid-decizjoni fl-ismijiet **Francesco Aquilina v. Neg. Giuseppe Gasan et**, Appell Kummerc, 5 ta' Novembru 1934:

> "*L-'exceptio rei judicatae' ghandha bhala fondament il-fatt tal-interess pubbliku, u wkoll ghaliex 'interest rei publicae ut sit finis litium'. Sentenza li ghaddiet 'in giudicato', jigifieri li ma tista' tappella minnha izjed, hija mizmuma bhala tajba u sewwa u tal-haqq - 'res judicata pro veritate habetur' - … … … .*"

Dan naturalment oltre l-fatt li ghalkemm l-konvenut huwa kontumacji, fl-ordinament guridiku taghna l-kontumacja hija kontestazzjoni u mhux ammissjoni – allura huwa dejjem id-dover tal-Qorti li tara li l-azzjoni attrici timmerita akkoljiment skont il-ligi qabel ma tilqa' t-talbiet li jkollha quddiemha.

**DECIZJONI**

Ghaldaqstant il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha; l-ispejjez tal-appell ukoll a kariku tal-

appellanti. Billi fil-fehma tal-Qorti l-appell huwa frivolu u vessatorju tordna lill-appellanti thallas ukoll is-somma ta' hames mitt ewro (€500) lir-Registratur tal-Qorti bl-applikazzjoni tal-Artikolu 10 tal-iskeda A tal-Kap. 12 tal-Ligjiet ta' Malta.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df